MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1934/2002

**Tony Theuma**

**Vs**

**Carmel sive Charles Brincat f'ismu propju kif ukoll in rappresentanza tas-socjeta' Bonagel Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm650.00c (sitt mija u hamsin lira Maltin) rapprezentanti servizzi ta' reklamar, reklami u "advertorials" li saru mill-attur fil-programm Euro Cuisine fuq Super One television u radio li ghalihom kien responsabbli l-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur; il-konvenut m'ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur; f'kwalunkwe kaz l-attur ma jistghax jitlob il-hlas tal-ammont itier; illi l-attur ghandu jgib

provi tar-reklami u l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut stante li ma gewx adempiti l-pattijiet kollha miftehma.

Ra li l-attur talab korrezzjoni fl-okkju fis-sens li wara l-kliem Carmel sive Charles Brincat jidhru l-kliem 'f'ismu propju kif ukoll in rappresentanza tas-socjeta' Bonagel Ltd'. Ra li l-konvenut gie notifikat bl-Avviz kif korrett.

Ra li Bonagel Limited ipprezentat Risposta fejn qalet li m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur; l-attur ma jistax jitlob il-hlas tal-ammont intier; li l-atttur ghandu jgib prova tar-reklami u l-ammont kif pretiz mill-attur mhux dovut stante li ma gewx adempiti l-pattijiet kollha miftehma.

Sema' x-xhieda tal-attur. Ra li l-konvenut u s-socjeta' Bonagel Limited naqsu li jixhdu f'din il-kawza. Ra li gie esebit invoice mahrug minn 'Communaute Europeenne des Cuisiniers' indirizzat lil 'Charles, Bonagel Fish Market' fl-ammont ta' Lm650.00c (sitt mija u hamsin lira Maltin).

Ikkunsidra li skond ix-xhieda ta' l-attur "il-konvenut kien ghamel reklam fuq il-programm" ta' l-attur. Il-ftehim kien li l-konvenut ihallsu Lm650.00c (sitt mija u hamsin lira Maltin) ta' (13) tlettax il-programm. Ma kien hemm ebda skrittura bejn il-partijiet. Wara li sar il-programm l-attur cempel lil konvenut diversi drabi u talbu li jhallas. Il-konvenut kien iwahhal fl-accountant tieghu. Il-konvenut kien anke jinforma lil attur li kien se jibghatlu l-flus. Fil-kontro-ezami l-attur qal li l-"programm kien bi shab jiena u iehor. Konna morna ghand il-konvenut it-tnejn li ahna".

Ikkunsidra li l-konvenut naqas li jixhed f'din il-kawza u naqas li jikkontesta l-versjoni tal-attur. Illi f'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal m'ghandux ghalfejn ma jemminx ix-xhieda bil-gurament tal-attur li l-konvenut kien jipprometti li jhallas l-ammont dovut.

Illi huwa veru li l-attur ma kienx car dwar liema mill-konvenuti ghandhom ihallsu l-ammont u dwar ezatt ma' min sar il-ftehim. Fix-xhieda tieghu l-attur qal li l-konvenut kien jghidlu li kien se jhallas. Illi huwa minnu wkoll li ghal

bidu kienu zewg persuni li marru ghand l-konvenut u issa l-attur biss qed jitlob il-hlas. Illi l-attur xehed bil-gurament li l-konvenut qal li kien se jhallas lilu u l-konvenut naqas li jikkontesta dan.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut personalment u jikkundanna l-istess konvenut sabiex ihallas l-ammont ta’ Lm650.00c (sitt mija u hamsin lira Maltin) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz (23 t’Awwissu, 2002). Illi s-socjeta’ Bonagel Ltd ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizju bl-ispejjez kontra l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------